**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Busuttil]**
**[Spettur Dorianne Tabone]**

**vs**

**-Omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru: 164/2021**

**Illum, 28 ta' Marzu, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra -Omissis- detentur tal-karta tal-identità numru -omissis- akkuzat talli:

Bejn l-20 ta' Marzu 2021 u matul ix-xhur u snin ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll

jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Ghamel jew ipproduca, qassam, xerred, esporta, offra, issuplixxa, ittrasmetta, ghamel disponibbli ghal haddiehor, jew wera dak il-materjal indecenti ta' persuna ta' taht l-eta' u cioe bintu li lilu kienet tigi fdata u li jghix maghha; -Omissis- minuri li hija vulnerabbli minhabba li ghandha 5 snin u li hija mwielda nhar it--Omissis-,

   Art 208A (1) (3)(a) 208AC (1)(b)(e) ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi ghamel jew ipproduċa jew ippermetta li jiġi magħmul jew prodott xi materjal indeċenti jew ipproduċa, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegh, issupplixxa, ittrasmetta, ghamel disponibbli, akkwista ghalih innifisek jew għal ħaddieħor, jew wera dak il-materjal indeċenti ta' persuni ta' taht l-eta.

   Art 208A ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess perjodu, lok, u cirkustanzi, kellu fil-pussess tieghu materjal indicenti li jirraprezenta persuna ta' taht l-eta' u bintu li lilu kienet tigi fdata u li jghix maghha; -Omissis- minuri li hija vulnerabbli minhabba li ghandha 5 snin u li hija mwielda nhar it--Omissis-, liema delitt sar repetutament.

   Art 208A (1B) (3)(b), 197(4), 202(b)(j)(k), 208AC (1)(b)(e) ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess perjodu, lok, u cirkustanzi, akkwista, xjentament akkwista access permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni ghal, jew kellu fil pussess tieghu, xi materjal indicenti li juri, jaghti stampa ta' jew jirraprezenta xi persuna ta' taht l-eta'.

   Art 208A (1B) ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess perjodu, lok, u cirkustanzi, issoggetta lill bintu li lilu kienet tigi fdata u li jghix maghha; -Omissis- minuri li hija vulnerabbli minhabba li ghandha 5 snin, u li hija mwielda nhar it--omissis-, għal xi att u, jew

imġieba li kellhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u, jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imġiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistgħu raġonevolemnt jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha, liema reat twettaq ripetutament.

Art 251A(1)(e), 251H(a)(b)(c), 251HA ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Art 533 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal-vittma hawn fuq imsemmija;

Il-Qorti giet mitluba li jekk jidrilha xiraq tordna ordni ta' trattament skond Art 412 D ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi;

Rat l-ammissjoni libera u inkondizzjonata mill-imputat tal-akkuzi kif dedotti kontrih u li kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata zmien opportun sabiex jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu;

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 208A(1)(3)(a), 208AC(1)(b)(e), 208A(1B)(3)(b), 197(4), 202(b)(j)(k), 251A(1)(e), 251H(a)(b)(c), 251HA, 533, 383, 384, 385 u 412 D ta' Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta u stante li t-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi huma mezz ghall-fini tal-ewwel (1), fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat -Omissis- hati tal-akkuzi kif

dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' erba' (4) snin prigunerija.

Inoltre l-Qorti tordna wkoll li jkun hemm Ordni ta' Trazzin taht l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tliet (3) snin u li ghandha tifforma parti integrali ma' din is-sentenza.

Inoltre l-Qorti u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li l-imputat ihallas is-somma ta' tlett elef, tmien mija u disgha u hamsin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€3,859.72) bhala spejjez peritali naxxenti minn dawn il-proceduri.

Il-Qorti wara li rat il-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru indikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

Il-Qorti tordna d-divjet tal-ismijiet tal-persuni kollha involuti f'dawn il-proceduri u dan minhabba n-natura sensittiva tal-kaz.

Finalment, il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**